MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 18/2008

**Francis Gilford**

**vs**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport, u d-Direttur Generali tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Novembru, 2008, il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema kkomunika s-segwenti decizjoni lir-rikorrenti:-

> **"**With reference to subject in caption, the Council for the Teaching Profession has reviewed your application.
>
> I regret to inform you that you are not eligible for a permanent warrant as you do not satisfy the criteria outlined in Article 11 para 3 (d) of the

> Education Act, Chapter 327. The fifteen years teaching service, since your appointment as an instructor, have not yet elapsed.”

Dan l-appell mir-rikorrenti Francis Gilford hu dirett kontra d-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema li, fuq ir-revizjoni ta’ l-applikazzjoni tieghu, cahadlu t-talba ghall-*warrant* permanenti ta’ ghalliem. Fl-obbjezzjoni tieghu ghal din id-decizjoni l-appellanti jissottometti illi hu, invece, kien jissodisfa l-kriterju dettat mill-Artikolu 11 (3) (d) ta’ l-Att dwar l-Edukazzjoni in kwantu kien ilu jghallem fl-iskejjel b’effett mis-sena akkademika 1985/86 u kien koncess lilu wkoll *warrant* temporanju ta’ ghalliem sa mill-20 ta’ Settembru, 1994;

Apparti opposizzjoni fil-mertu, l-intimati jiddeducu b’eccezzjoni preliminari illi huma ma humiex il-legittimi kontradritturi u ghandhom, ghaldaqstant, jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Huma jikkampaw dan fuq il-bazi tal-konsiderazzjoni illi l-persuna li fil-konfront taghha ried jigi dirett l-appell kellu jkun il-Ministru responsabbli ghall-Edukazzjoni;

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi jekk din l-eccezzjoni tirrizulta fondata ma jkunx hemm aktar htiega li din il-Qorti tinvestiga l-aggravju lilha sottomess ghax tali ezercizzju jkun ghal kollox inutili, u ma jistax lanqas juzufruwixxi lill-appellanti f’dik il-pretensjoni tieghu kostitwita minn dak l-aggravju;

In linea generali hu sew maghruf il-principju illi presuppost necessarju ghal-legittimazzjoni processwali u ghall-kontestazzjoni ta’ azzjoni hu determint fuq l-istregwa tat-talba li tkun proposta. Fil-kaz in ezami t-talba kif proposta bl-appell hi dik li din il-Qorti twarrab id-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema u, invece, tordna li jinhareg lill-appellant *warrant* permanenti ta’ ghalliem;

Kif jinsab osservat minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet “**Mario Camilleri Cauchi -vs- Il-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni *et***”, kontestwalment pronunzjata, huwa espressament prevvist mill-Att fit-Taqsima III tieghu illi l-ghoti ta’ *warrant* bhal dak mitlub mill-appellanti hu prerogattiva esklussiva tal-Ministru responsabbli ghall-Edukazzjoni. Fl-istess decizjoni gie agguntivament ikkonsidrat illi ghalkemm id-definizzjoni ta’ “Ministru” fl-Artikolu 2 ta’ l-Att tikkomprendi wkoll “kull persuna awtorizzata mill-imsemmi Ministru ghal hekk”, meta mhux maghruf jekk il-Ministru ddelegax is-setghat tieghu fil-kaz ta’ ghoti ta’ *warrant*, ghal fini ta’ kontestazzjoni ta’ decizjoni in materja l-uniku legittimu kontradittur kellu jkun l-istess Ministru u mhux ukoll il-persuni citati. Anzi, il-kostituzzjoni tar-rapport processwali fil-konfront ta’ dawn hi irregolari u ggib id-difett tal-legittimazzjoni processwali in kwantu ghal kontradittur tat-talba kif proposta;

Mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha aktar milli dovut fuq il-punt hawn ezaminat jekk mhux biex tikkonkludi b’rijassunt illi:-

1. Ir-rapport processwali bl-appell propost ma huwiex regolament instawrat ghaliex il-persuni citati ma kellhomx ikunu s-soggetti li kontra taghhom l-appell kellu jigi dirett;

2. Isegwi li l-impunjattiva tad-decizjoni tal-Kunsill predett hi inammissibbli fil-konfront ta’ dawk l-istess soggetti ghaliex, *ope legis,* din l-istess impunjattiva kellha unikament tigi proposta fil-kontradittorju tal-Ministru responsabbli ghall-Edukazzjoni;

3. La dan ta’ l-ahhar ma giex hekk citat, tezisti f’dan il-kaz vjolazzjoni tal-kontradittorju li ma tistax tissewwa, anke ghaliex, kif saput, is-sejha tieghu fil-gudizzju mhix permissibbli fl-istadju ta’ appell. Ara, fost ohrajn, “**Giuseppe Giordmaina -vs- Carmelo Giordmaina**”, Appell Inferjuri, 1 ta’ Marzu, 1941;

4. Hi ghal kollox flokha l-opposizzjoni ta’ l-appellati bl-eccezzjoni taghhom in kwantu, kif korrettement sostnut minnhom, huma ma ghandhomx x’jaqsmu max-xorta tar-rapport dedott fil-gudizzju u, allura, ma kellhomx lanqas ikunu s-soggetti passivi tal-pretensjoni reklamata.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-appellati illi huma ma humiex il-legittimi kontradittturi u konsegwentement tichad appell tar-rikorrenti, bl-ispejjez jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------